MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 668/2013

Yanmei **CHEN** u żewġha Joseph Ċilia

vs

**ID-DIRETTUR, DIPARTIMENT TAĊ-ĊITTADINANZA U L-*EXPATRIATES*** u l-Ministru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-10 ta' Lulju, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li n-nuqqas min-naħa tad-Dipartiment imħarrek li jagħti deċiżjoni dwar it-talba tal-attriċi li tingħata ċ-ċittadinanza Maltija fi żmien xahrejn minn meta ressqet it-talba tagħha jikkostitwixxi rifjut tat-talba għall-finijiet tas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) ssib li l-imsemmi egħmil jikser il-liġi, b'mod partikolari l-artikolu 6 tal-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta; (ċ) issib li l-imsemmi egħmil amministrattiv ma jiswiex għaliex jikser l-artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-imsemmi Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (d) ssib li t-talba tal-attriċi biex tingħata ċ-ċittadinanza Maltija hija mistħoqqa u jmissha tintlaqa' mill-imħarrek u biex tordna lill-istess imħarrek jagħti ċ-ċittadinanza Maltija lill-attriċi, taħt kull

provvediment li l-Qorti jidhrilha li jkun xieraq u meħtieġ. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Lulju, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fit-28 ta' Awwissu, 2013, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-attur Joseph Ċilia mgħandux l-interess ġuridiku li jmexxi l-kawża, ladarba t-talba għaċ-ċittadinanza saret mill-attriċi. Żiedu jgħidu li l-artikolu 469A(2) ma jgħoddx f'dan il-każ għaliex l-atturi kienu mgħarrfin li t-talba tal-attriċi kienet qiegħda tkun proċessata u li kienu meħtieġa verifiki ulterjuri min-naħa tal-awtoritajiet qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-talba. Fil-mertu, laqgħu billi qalu saħqu li mxew skond il-liġi u ċaħdu li n-nuqqas li tittieħed deċiżjoni jikkostitwixxi xi egħmil abbużiv. Kemm hu hekk, jgħidu li skond l-artikolu 6 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap 188), l-Ministru mħarrek irid ikun soddisfatt li l-għoti taċ-ċittadinanza lil xi persuna li titlobha ma jmurx kontra l-interess pubbliku, u minħabba f'hekk dan jitlob li jsiru l-verifiki kollha b'reqqa u l-istħarriġ ta' kull allegazzjoni jew tagħrif li jingħatalu;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Settembru, 2013[1], li bih ordnat li tistħarreġ qabel kollox is-siwi tat-tieni eċċezzjoni preliminari dwar jekk in-nuqqas ta' teħid ta' deċiżjoni huwiex "egħmil amministrattiv" għall-finijiet tal-liġi;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet dwar din l-eċċezzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Frar, 2014[2], li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

---

[1] Paġġ. 20 tal-proċess
[2] Paġ. 30 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv. L-atturi jilmintaw mill-fatt li għalkemm l-attriċi ilha sa minn Settembru tal-2010 li talbet li tingħata ċ-ċittadinanza Maltija, bħala l-mara ta' ċittadin Malti, baqgħet ma ngħatat l-ebda tweġiba u sallum għadha ma ngħatatx dak li talbet. Iqisu li n-nuqqas ta' deċiżjoni tiswa daqs ċaħda tat-talba tagħha u għalhekk jgħidu li, ladarba l-attriċi kellha kull jedd li titlob u li tingħata ċ-ċittadinanza Maltija, dan in-nuqqas tal-imħarrkin huwa egħmil bi ksur tal-artikolu 469A(2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet, fosthom l-eċċezzjoni preliminari li l-fatt li d-Dipartiment għadu qiegħed jistħarreġ it-talba tal-attriċi ma jistax jitqies li huwa rifjut tat-talba u għalhekk ma jitnissilx il-jedd li din il-Qorti tistħarreġ l-istess egħmil. Fil-mertu laqgħu b'eċċezzjonijiet oħrajn li jmorru lil hinn mill-interess ta' din is-sentenza;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari dwar jekk in-nuqqas ta' teħid ta' deċiżjoni huwiex "egħmil amministrattiv";

Illi mill-<u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attriċi twieldet ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina f'Ġunju tal-1979 u kienet tgħix hemmhekk. L-atturi saru jafu lil xulxin mill-*internet* f'xi żmien matul l-2005. L-attur huwa ċittadin Malti u twieled f'Mejju tal-1938 u jgħix f'Malta, wara li kien qatta' għadd ta' snin jgħix fir-Renju Unit;

Illi għall-ħabta ta' Ġunju tal-2005, l-attur mar iċ-Ċina u ltaqa' mal-attriċi u l-familja tagħha. Wara xi xahar qatgħuha li jiżżewġu, kif għamlu fit-13 ta' Lulju, 2005[3]. L-atturi ġew lura Malta flimkien f'Awwissu tal-2005 u baqgħu joqogħdu flimkien f'Malta fid-dar tal-attur. L-attriċi kisbet il-jedd li taħdem f'Malta f'Diċembru tal-2005 u fil-fatt, ilha impjegata minn dak inhar, għalkemm mhux dejjem fl-istess impieg;

[3] Dok "B", f'paġ. 5 tal-proċess

Illi f'Settembru tal-2010, l-attriċi talbet li tingħata ċ-ċittadinanza Maltija u ngħatat riċevuta[4]. Minkejja li l-attriċi staqsiet lid-Dipartiment imħarrek bosta drabi fejn kienet waslet it-talba tagħha, u minkejja li d-Dipartiment kien bagħat għaliha u għall-attur f'Marzu tal-2013[5] u intervistahom għal rashom, baqgħet ma tteħditx deċiżjoni dwar it-talba tal-attriċi;

Illi fis-16 ta' Jannar tal-2013[6], l-attriċi ressqet protest ġudizzjarju kontra l-imħarrkin biex titlobhom itemmu l-proċess tat-talba tagħha u żammithom responsabbli għad-dewmien fit-teħid tad-deċiżjoni. L-imħarrkin ma weġbux għall-imsemmi protest;

Illi billi l-attriċi baqgħet ma ngħatatx deċiżjoni, fetħet din il-kawża fl-10 ta' Lulju, 2013;

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet legali dwar l-eċċezzjoni taħt eżami. Kif ingħad, l-eċċezzjoni trid li n-nuqqas ta' teħid ta' deċiżjoni ma jistax jitqies bħala "egħmil amministrattiv" skond l-artikolu 469A(2) tal-Kap 12;

Illi l-għaref difensur tal-imħarrkin issottomettiet li ladarba d-Dipartiment għadu qiegħed jistħarreġ it-talba tal-attriċi, ma jistax jingħad li hemm ċaħda u għalhekk ma hemm l-ebda "egħmil amministattiv" li jagħti lok lil din il-Qorti biex tistħarrġu. L-attriċi lanqas ma messha tiftaħ il-kawża ladarba d-Dipartiment kien qed jgħarrafha li kien għadu qiegħed jipproċessa t-talba tagħha;

Illi, min-naħa tagħha, l-għaref difensur tal-atturi tgħid li ladarba minkejja l-għadd ta' drabi fejn l-attriċi staqsiet fiex kienet waslet it-talba tagħha u baqgħet qatt ma ngħatat tweġiba 'l hawn jew 'l hinn, ma kellhiex triq oħra għajr li tiftaħ din il-kawża, bil-biżgħa li jintemmilha r-rimedju jekk kemm-il darba tibqa' ma tiħux passi skond il-liġi. Aktar u aktar tnissel il-bżonn li tmexxi bil-kawża meta wieħed iqis li l-imħarrkin ma weġbuhiex għall-protest ġudizzjarju li kienet ressqet kontra tagħhom;

[4] Dok "Ċ", f'paġ. 6 tal-proċess
[5] Xhieda ta' Dr Mariella Grech 21.11.2013, f'paġ. 27 tal-proċess
[6] Dok f'paġ. 20 tal-proċess

Illi l-Qorti jidhrilha li l-eċċezzjoni mhijiex mistħoqqa. Fl-ewwel lok, ma hemm l-ebda dubju li t-talba tal-attriċi biex tingħata ċ-ċittadinanza u l-proċess li jitwettaq mid-Dipartiment imħarrek biex jistħarreġ talba bħal dik huma proċess amministrattiv, għaliex jikkostitwixxu talba lil awtorita' pubblika li titlob it-teħid ta' deċiżjoni. Fit-tieni lok, għall-finijiet tal-liġi, ir-rifjut ta' talba wkoll jaqa' taħt it-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" kif imfissra fl-artikolu 469A(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Fit-tielet lok, il-Kapitolu 188 ma jippreskrivix żmien meta talba għall-għoti ta' ċittadinanza jmissha tintlaqa', u għalhekk, fin-nuqqas ta' dan iż-żmien statutorju, jidħol fis-seħħ il-*proviso* tal-imsemmi artikolu 469A(2) li jgħid li jekk awtorita' pubblika ma tagħtix deċiżjoni dwar talba li ssirilha fi żmien xahrejn min-notifika lilha mill-persuna li tkun ressqet it-talba, l-liġi tqis li dik it-talba ma tkunx intlaqgħet. Fir-raba' lok, hekk kif jitqies li t-talba ma tkunx intlaqgħet, jidħol fis-seħħ il-jedd ta' min ikun għamel it-talba lill-awtorita' pubblika biex jitlob l-istħarriġ min-naħa tal-Qorti għar-rifjut bħal dak u jekk dak ir-rifjut ikunx sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-imsemmi artikolu 469A. Fil-ħames lok, hekk kif jgħaddi ż-żmien ta' xahrejn u d-deċiżjoni ma tkunx ittieħdet u jitqies li t-talba ma ntlaqgħetx, jibda għaddej iż-żmien maħsub fl-artikolu 469A(3) biex tista' titressaq azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju. Dak iż-żmien huwa wieħed ta' dekadenza u ma jagħtix lill-persuna l-lussu li joqgħod jitnikker jekk kemm-il darba jkun irid li jsir stħarriġ ġudizzjarju[7];

Illi din it-tifsira u t-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(2) toħroġ ċara mir-rieda tal-leġislatur innifsu u ladarba hija dispożizzjoni li tirrigwarda proċediment ġudizzjarju speċjali jrid jingħata t-tifsira loġika tiegħu bla twessigħ jew tiġbid. Ma ntweriex li dik id-dispożizzjoni hija suġġetta għal xi dispożizzjoni kuntrarja fl-Att dwar iċ-Ċittadinanza ta' Malta;

Illi l-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn egħmil amministrattiv issir taf b'dak l-egħmil li jkun. Il-liġi ma tgħidx li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni[8]: tgħid biss li ż-żmien ta' sitt xhur jibda jgħaddi minn dak inhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-egħmil, liema data tiġi l-ewwel;

---

[7] Ara fost l-oħrajn, P.A. RCP **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Żammit vs Awtorita' tal-Ippjanar et*** (mhix pubblikata) ; P.A. RCP **5.4.2001** (in parte) fil-kawża fl-ismijiet ***David Crisp vs Korporazzjoni Telemalta*** (mhix pubblikata) ; u App. Ċiv. **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Zamboni et noe vs Direttur tal-Kuntratti et*** (Kollez. Vol : **LXXXVI.ii.313**)
[8] Ara P.A. GV **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et***

Illi huwa stabilit ukoll li biex wieħed jista' jressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, jeħtieġ juri li kien hemm xi deċiżjoni jew rifjut għal talba magħmula jew il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess jew *warrant* li jsiru minn awtorita' pubblika sakemm din id-deċiżjoni, ordni, liċenza, permess jew *warrant* ma ssirx bil-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan dik l-istess awtorita'. Iżda mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorita' pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorita' pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkunu sarulha[9];

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda ssib li t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin mhijiex tajba u mhix sejra tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, **bl-ispejjeż** kontra l-imħarrkin, u tordna li l-kawża tkompli tinstema'.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] App. Ċiv. **3.4.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Jupiter Co. Ltd. Et vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***